**FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI**
*Foundation for Educational Services*

## Workshop Numru 5

**Joanne Mifsud**
**Il-Ġimgħa u s-Sibt**
**Lingwa: Malti**

# NGĦINU T-TAGĦLIM TAR-REVIŻJONI FIT-TFAL MIR-RABA' SAS-SITT SENA TA' L-ISKOLA PRIMARJA: Niktbu…Nikkomunikaw.

## Deskrizzjoni tal-Workshop

Għalfejn ir-Reviżjoni? Ħafna drabi it-terminu 'Reviżjoni' ma tantx jinżel tajjeb mat-tfal. Kultant dan jiġri għaliex fir-realta' dak li jkun qiegħed isir ma jkunx il-veru reviżjoni. Il-parteċipanti se jkollhom l-opportunita' jieħdu sehem attiv f'parti importanti tal-Proċess tal-Kitba. Il-parteċipanti se jkollhom iċ-ċans jesprimu l-ideat tagħhom permezz tal-kitba kif ukoll jingħataw l-opportunita' li jagħmlu reviżjoni tax-xogħol tagħhom. L-għan prinċipali għalhekk huwa li toħroġ id-differenza bejn Reviżjoni u Editjar. Il-parteċipanti jiskopru ukoll x'inhuma l-ingredjenti prinċipali li jagħmlu biċċa xogħol ta' kitba sħiħa, sabiħa u kompluta, li tagħmilha faċli għall-udjenza li tifhimha u tieħu gost biha.

## Nota Bijografika

Joanne Mifsud B.Ed. (Hons.) hija għalliema fis-settur primarju. L-esperjenza tagħha fit-tagħlim u fir-rapport mat-tfal għenha biex matul is-snin tfittex u tiskopri dejjem aktar il-fenomenu tal-kitba. Fil-fatt hija attendiet it-tieni '*Writing Workshop'* f'Novembru ta' l-2001. Joanne mill-ewwel bdiet tapplika l-Process tal-Kitba fil-klassi tagħha b'suċċess kbir. Hija kompliet tespandi l-istudji tagħha dwar il-Proċess tal-Kitba f'Ġunju ta' l-2002 meta għamlet il-kors fil-livell avvanzat. Dawn il-korsijiet fetħu toroq oħra għaliha. Fil-fatt hija tat is-sehem tagħha wkoll fil-*Programm Id f'Id* fi ħdan il-Fondazzjoni Għal Servizzi Edukattivi. Hija ħadmet fil-komunita' f'diversi lokalitajiet. Kellha l-opportunita' li taħdem mill-qrib ma' kunsilli lokali u NGOs differenti, kif ukoll ma' Education Officers, kapijiet ta' skejjel, għalliema, ġenituri u tfal. Għal diversi snin kienet animatriċi ta' diversi korsijiet għall-ġenituri. Attendiet ukoll seminars u konferenzi b'rabta speċjali mal-kurrikulu kif ukoll mal-Proċess tal-Kitba.